# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 10 ta' Lulju, 2024

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 10/2023 ISB**

**Claudienne Fava (KI 327185M) u**

**Nadine Rodienne Fava (KI 167381M)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Claudienne Fava et**, intavolat fis-27 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

> *1. Tordna li l-isem tas-soċjetà Fava Imports Limited (C9978) jerġa' jidħol u jitqiegħed fug ir-Reġistru tas-Soċjetajiet;*

*2. Tordna li kwindi l-kumpanija Fava Imports Limited għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar;*

*3. Tagħti kwalsiasi provediment ieħor opportun u dan sakemm jitlestew il-formalitajiet rikjesti sabiex l-esponenti jiġu rikonoxxuti uffiċjalment bħala l-azzjonisti tal-kumpanija Fava Imports Limited u, per konsegwenza, uffiċjali rappreżentattivi tal-istess soċjeta' u, imbagħad, sakemm jiġu pubblikati l-atti notarili neċessarji sabiex l-assi mmobiljarji tal-istess soċjetà jiġu trasferiti lil terzi u/jew lill-istess azzjonisti.*

U dan wara li ppremettew:

*1. Illi r-rikorrenti huma werrieta universali ta' Louis Fava u dan kif jidher mir-riċerka testamentari annessi bhala Dok. A. (Vide ukoll ċertifikat tal-mewt u testment relattiv tad-defunt Louis Fava hawn annessi u markati bħala Dok. B u Dok C rispettivament.*

*2. Illi kif jirriżulta minn estratt mill-website tar-Reġistratur intimat, il-kumpannija Fava Imports Limited ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru b'avviż li deher fis-7 ta' Lulju 2020 kif jirriżulta mill-avviż fug is-sit tal-Malta Business Registry hawn anness bħala Dok D.*

*3. Ili ai termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap 386 għadhom m'għaddewx ħames snin minn meta din is-soċjetà thassret minn fuq ir-reġistru.*

*4. Illi is-soċjeta' Fava Imports Limited tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u r-rikorrenti iħossuhom aggravati b'tali tħassir u għandhom kull interess illi l-istess soċjetà terġà titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

*5. Illi jirriżulta li s-soċjeta' Fava Imports Limited hija l-propjetarja ta' propjetajiet immobbli li konsistenti f'żewġ garaxxijiet numerati tlieta (3) u erbgħa (4) fi Triq in-Noqra, Birżebbugia u l-fond ossia garage numru ħamsa u erbgħin (45) Triq il-Mużika, Iklin, u liema proprjetajiet ma ġewx trasferiti qabel mal-kumpanija tħassret minn fuq ir-reġistru tal-Kumpaniji;*

*6. Illi r-rikorrenti għandhom kull interess li s-soċjetà Fava Imports Limited terġa' titoġġa fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet sabiex l-istess soċjeta' Fava Imports Limited tkun tista' validament tiddisponi minn dawn il-proprietajiet immobbli;*

*7. Illi jekk is-soċjetà mhux ser titpoġġa fuq ir-reġistru tas-soċjetajiet, ir-rikorrenti bħala l-uniċi beneficial owners tas-soċjetà ser jiġu pprivati mill-propjetà u t-tgawdija tagħha jew mir-rikavat mill-bejgħ tal-istess u sejrin isofru danni irreparabbli billi l-assi tal-istess soċjetà sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*8. Illi b'hekk jeżistu r-rekwiżiti kollha kontemplati fl-Artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta sabiex is-soċjetà li tkun ġiet struck off terġa' titiegħed fuq ir-Reġistru tas-soċjetajiet.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 15).

Rat **id-digriet** tagħha tas-17 ta' Marzu 2023 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-19 ta' Frar 2023 fil-11:30 a.m.

Rat illi fid-19 ta' April 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 20), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Fava Imports Limited (C 9978) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fil-4 t' Ottubru 1988;*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Reġistru il-kumpanija msemmija naqset,għal diversi snin, mill-obbligi taggħa milli tibgħat id-dokumentazzjoni meħtieġa taħt l-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali illi ntbagħat għar-reġistrazzjoni kien għas-sena 2006 filwaqt li l-aħħar kontijiet annwali kienu dawk tas-sena 2004;*

*Illi talli nuqqas kien raġuni bizzejjed sabiex l-esponenti jipproċedi billi kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali taggħa sabiex skont l-proċedura preskritta mill-Artikolu 325 tal-Att javza illi kemm il-darba ma tintweriex raġuni bizzejjed sabiex issir il-kuntrarju l-isem tal-kumpanija kien sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi matul t-tlett xhur preskritti mill-Att ebda persuna ma uriet xi tip ta' interess illi talli isem jibqa fuq ir-Reġistru;*

*Illi konseguentement kif għadda it-terminu preskritt l-esponenti avza permezz tal-publikazzjonijiet relevanti illi l-isem tal-kumpanija kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi fil-proċeduri odjerni r-rikkorenti bħala werrieta tal-azzjonist maġġoritarju Louis Fava qegħdin jgħidu illi ħassuhom aggravati bit-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru. Dan billi qegħdin issostnu li l-kumpanija Fava Imports Limited (C 9978) għad għandha assi reġistrati f' isimha.Ta' min issemmi ukoll illi s-Sur Fava minbarra illi kien azzjonist kien ukoll l-uniku direttur, rapprezentant u segretarju tal-kumpanija de quo;*

*Illl r-reġistratur m'huwiex jopponi għal talba kif magħmula fir-rikors promotur sakhemm ir-rikkorenti jieħdu ħsieb jirregolarizaw l-affarjiet tal-kumpanija msemmija. Dan billi bħala werrieta ta' missierhom jieħdu ħsieb illi ssir it-trasmissjoni causa mortis tal-ishma tad-decujus inkluz il-formalitajiet legali illi dan iġġib miegħu speċifikament dawk ai termini tal-Artikolu 120 (2) u (3) tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi susseguentement ir-rikkorenti bħala azzjonisti għandhom jaħtru direttur, raprezentant u segretarju tal-kumpanija in kwistjoni.Għaldaqstant għandhom jissottomettu l-Formoli relevanti taħt l-Att iġifieri il-Formula T u K;*

*Illi r-rikkorenti għandhom jissottometu ukoll l-kontijiet annwali għas-snin 2005 sal-2021,l-prospetti annwali mis-sena 2005 sal-2023 (flimkien mar-registration fees tagħhom) u għandhom iħallsu l-penalitajiet kollha dovuti lill-Reġistratur;*

*Illi l-esponenti jixtieq umilment jissoleva illi wara illi ssiru u jiġu pubblikati l-atti notarili neċessarji sabiex l-assi mmobiljarji tas-soċjeta Fava Imports Limited (C 9978) jkunu jistgħu jiġu trasferiti,ir-rikkorenti għandhom ixxolju l-kumpanija sabiex din ma terġax tispiċċa f' stat t' abbandun bħal qabel.Għalhekk, l-esponenti iħoss illi dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha għandha tippreфiġi termini preċizi u tagħti d-direttivi meħtieġa sabiex l-affarjiet ma jitwalux bla bzonn.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, deher l-Avukat Kris Busietta għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi f'dik l-udjenza id-difensur tar-rikorrenti fil-presenza tal-istess rikorrenti ddikjara illi l-patrocinati tiegħu kienu disposti illi jirregolarizzaw il-

pendenzi illi s-soċjeta' Fava Imports Limited kellha mar-Reġistratur intimat.

Rat l-affidavits tar-rikorrenti ppresentati bin-nota tat-13 ta' Lulju 2023.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi d-dokumentazzjoni relattiva għas-soċjeta' de quo kienet ġiet regolarizzata u kien jonqos biss il-ħlas tal-penali. Rat id-dikjarazzjoni hemmhekk magħmula illi l-ħlas kellu jsir mal-bejgħ ta' proprjeta' tal-istess kumpannija u li kien prevvist illi kellu jsir fix-xhur illi ġejjin.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024, ir-rikorrenti ddikjarat illi ġialadarba l-kumpannija titqiegħed lura fuq ir-Reġistru, allura jkun jista' jsir il-bejgħ tal-proprjeta' fuq msemmija, in segwitu għal-liema jitħallsu l-penali dovuti, u ddikjarat illi ma kellha ebda problema illi fuq l-istess kuntratt jidher rappresentant tar-Reġistratur intimat sabiex jitħallas l-ammont kollu dovut mill-kumpannija biex b'hekk is-sitwazzjoni tal-kumpannija tiġi regolarizzata kif miftiehem.

Rat illi in segwitu għal dawn id-dikjarazzjonijiet, il-partijiet qablu illi l-kawza titħalla għall-provvediment għal-lum, kif qed isir.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti jgħidu illi huma werrieta universali ta' Louis Fava u illi l-kumpanija Fava Imports Limited ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru b'avviż li deher fis-7 ta' Lulju 2020. Jgħidu illi għadhom m'għaddewx ħames snin minn meta din is-soċjetà tħassret minn fuq ir-reġistru u illi huma iħossuhom aggravati b'tali tħassir u għandhom kull interess illi l-istess soċjetà terġà titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji. Jgħidu dan għaliex jirriżulta li s-soċjeta' Fava Imports Limited hija l-propjetarja ta' propjetajiet immobbli konsistenti f'żewġ garaxxijiet numerati tlieta (3) u erbgħa (4) fi Triq in-Noqra, Birżebbugia u l-fond ossia garage numru ħamsa u erbgħin (45) Triq il-Mużika, Iklin, u liema proprjetajiet ma ġewx trasferiti qabel ma l-kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Jgħid illi għandhom kull interess li s-soċjetà Fava Imports Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet sabiex l-istess soċjeta' Fava Imports Limited tkun tista' validament tiddisponi minn dawn il-proprjetajiet immobbli u jekk is-soċjetà mhux ser titpoġġa fuq ir-reġistru tas-soċjetajiet, huma, bħala l-uniċi beneficial owners tas-soċjetà, ser jiġu pprivati mill-propjetà u t-tgawdija tagħha jew mir-rikavat mill-bejgħ tal-istess u sejrin isofru danni irreparabbli billi l-assi tal-istess soċjetà sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija Fava Imports Limited (C 9978) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fil-4 t' Ottubru 1988 u fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset, għal diversi snin, mill-obbligi tagħha milli tibgħat id-dokumentazzjoni meħtieġa, tant illi l-aħħar prospett annwali illi ntbagħat għar-reġistrazzjoni kien għas-sena 2006 filwaqt li l-aħħar kontijiet annwali kienu dawk tas-sena 2004.

Kien għalhekk iIlli wara illi ttieħdu l-proċeduri preskritti mill-Artikolu 325 tal-Att, l-isem tal-kumpanija tħassar minn fuq ir-Reġistru. Tghid illi Louis Fava, missier ir-rikorrenti, minbarra illi kien azzjonist kien ukoll l-uniku direttur, rappreżentant u segretarju tal-kumpanija de quo.

Ir-reġistratur intimat m'huwiex jopponi għat-talba kif magħmula fir-rikors promotur sakemm ir-rikkorenti jieħdu ħsieb jirregolarizaw l-affarjiet tal-kumpanija msemmija. Jelenka x'għandu jsir għal dan il-għan, - it-trasmissjoni causa mortis tal-ishma tad-decujus inkluż il-formalitajiet legali illi dan iġġib miegħu speċifikament dawk ai termini tal-Artikolu 120 (2) u (3) tal-Att dwar il-Kumpaniji, il-ħatra ta' direttur, rappreżentant u segretarju tal-kumpanija, is-sottomissjoni tal-Formoli relevanti taħt l-Att iġifieri il-Formula T u K, is-sottomissjoni tal-kontijiet annwali għas-snin 2005 sal-2021, is-sottomissjoni tal-prospetti annwali mis-sena 2005 sal-2023 (flimkien mar-registration fees tagħhom) u għandhom iħallsu l-penalitajiet kollha dovuti lill-Reġistratur;

Jgħid illi wara illi ssiru u jiġu pubblikati l-atti notarili neċessarji sabiex l-assi mmobiljarji tas-soċjeta Fava Imports Limited (C 9978) jkunu jistgħu jiġu

trasferiti, ir-rikkorenti għandhom ixolju l-kumpanija sabiex din ma terġax tispiċċa fi stat ta' abbandun bħal qabel.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Fava Imports Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellhom ir-rikorrent illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimata.

F'dan il-każ, ir-rikorrenti hekk għamlu tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa fl-ewwel seduta effettiva illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati, għajr għall-ħlasijiet dovuti lir-Reġistratur illi għandhom isiru mal-iffirmar ta' kuntratt ta' bejgħ ta' proprjeta' tal-kumpannija illi għanu jsir fix-xhur li ġejjin u li r-Reġistratur ġie mistieden jattendi sabiex jitħallas dak dovut lilu.

FL-affidavits tagħhom, ir-rikorrenti jghidu ukoll illi ir-ri-integrazzjoni tal-kumpannija fuq ir-Reġistru hija neċessarja sabiex issir il-*causa mortis* ta' missierhom bil-għan ukoll illi tinbiegħ il-proprjeta' li tinsab f'isem il-kumpannija. Bejgħ li, kif dikjarat fil-Qorti mir-rikorrenti, huwa neċessarju sabiex jitħallsu l-penali u dak kollu dovut lir-Reġistratur intimat bil-għan illi l-affarijiet kollha tal-kumpannija jkunu regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Fava Imports Limited (C-9978)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta’ **Fava Imports Limited (C-9978)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji u:

   a. sa żmien massimu ta’ <u>tliet snin mil-lum</u>, tieħu hsieb tbigħ il-proprjeta’ immobbli tagħha, ossia, il-garaxx bin-numru tlieta (3) u dak bin-numru erbgħa (4) fi Triq in-Noqra, Birzebbuġia u l-garage numru ħamsa u erbgħin (45) fi Triq il-Mużika, Iklin, u/jew kwalsiasi proprjeta’ immobbli oħra illi l-kumpannija jista’ għandha;

   b. tordna illi fuq l-ewwel kuntratt pubbliku ta’ trasferiment illi jsir, id-diretturi għandhom javżaw bid-data, l-ħin u l-lok tal-pubblikazzjoni lir-Reġistratur intimat sabiex dan ta’ l-aħħar jkun jista’ jattendi u jitħallas fuq il-kuntratt dak kollu dovut lilu sa dakinhar, bil-għan illi l-kumpannija ma jkollhiex pendenzi mar-Reġistratur;

   c. tordna illi sakemm jinbiegħu il-bqija tal-proprjetajiet, id-diretturi u l-uffiċjali kollha tal-kumpannija jieħdu ħsieb illi jassiguraw illi l-kumpannija tibqa’ regolari mar-Reġistratur intimat;

   d. tordna, in kwantu illi l-kumpannija mhix attiva u in kwantu illi r-rikorrenti ma urew ebda xewqa illi jattivaw il-kumpannija sabiex tkun attiva kummerċjalment imma biss bil-għan illi ssir il-*causa mortis* ta’ missierhom u tinbiegħ il-proprjeta’ tal-kumpannija, illi wara illi jsir il-bejgħ ta’ l-aħħar proprjeta’ fiż-żmien massimu hawn fuq konċess, id-diretturi jinizjalaw il-proċess tal-likwidazzjoni tal-kumpannija bil-għan illi tiġi xjolta.

4. **Fir-raba’ lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta’ din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista’ jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Fava Imports Limited (C-9978)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**